**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 270/2020**

**Il-PULIZIJA**
**(Spettur Sean Friggieri)**

**-Vs-**

**DENISE MALLIA**

**Illum 16 ta' Marzu 2023**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **DENISE MALLIA** ta' 44 sena, bint John u Doris nee' Harmsworth, imwielda Attard nhar it-18 ta' April 1976, residenti 34, Pintail, Triq l-Imnarja, Birzebbugia u detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 243076M, li ġiet akkużata talli fix-xahar ta; Ottubru 2019 u fix-xhur ta' qabel, fil-kariga tagħha ta' Accounts Clerk ma' Valletta Gateway Terminals Ltd., f'dawn il-gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda jiksru l-istess dispożizzjonijiet tla-liġi u li ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda:-

1. Approprjat ruhha, billi dawwret bi profit ghaliha jew ghal persuna/i ohra, is-somma ta’ aktar minn ħamest’elef euro (€5000) ghad-dannu ta’ Valletta Gateway Terminals Ltd Liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilha taħt titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u l-istess somma giet fdata lilha minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz taghha;

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex tapplika mutastis mutandis id-disposizzjonijiet ta’ l-Artikoli 5 ta’ l-Att kontra l-Money Laudering, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta’ Malta, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitlub sabiex fil-kaz ta’ htija, barra li tinfliggi l-piena stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta’ l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitlub sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzata ghal hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jaqra l-akkuzi u jikkonfermahom bil-gurament u rat id-dokumenti ppreżentati flimkien mal-akkużi;

Semgħet lill-imputat tiddikjara waqt l-eżami li m’hijiex ħatja tal-imputazzjoni miġjuba kontriha;

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tad-19 ta’ Lulju 2022 li permezz tagħha huwa bagħat lill-imputata sabiex tiġi aġġudikata minnha taħt dak li hemm maħsub:-

(a) Fl-artikoli 18; 293; 294; 310(1)(a); 310BA tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(b) Fl-artikolu 23A; 23B; 23C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(c) Fl-artikolu 5 tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(d) Fl-artikoli 15A; 17; 18; 23; 31; 382A; 383; 384; 385; 386; 412C; 412D; 532A; 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semgħet ix-xhieda;

Rat il-provi kollha u d-dokumenti kollha li ġew prodotti matul is-smigħ tal-proċeduri;

Semghet lill-imputata waqt l-udjenza tad-19 ta’ Jannar 2023 tirreġistra ammissjoni u tiddikjara li hija ħatja tal-akkuża miġjuba kontriha;

Il-Qorti wissiet lill-imputata dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tagħha u wara illi kkonċeditilha ħin biex tirrikonsidra din id-dikjarazzjoni ta’ htija u sabiex terga’ tikkonsulta mad-difensur tagħha, kif ukoll wara li spjegatilha n-natura u s-serjeta` tal-reati li tinsab mixlija bihom, semghet lill-imputata tikkonferma l-ammissjoni tal-ħtija tagħha.

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-difiża dwar il-piena fis-seduta tat-8 ta’ Marzu 2023;

Rat illi l-kawża ġiet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputata, fil-preżenza tal-Avukat difensur tagħha u bis-salvagwardji kollha li tesiġi l-liġi fl-Artikolu 392A tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-istess imputata ħatja tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tagħha u kif minnha ammessa.

Għall-finijiet tal-piena, il-Qorti kkunsidrat diversi fatturi, fosthom il-fedina penali kompletament netta tal-imputata, iżda fuq kollox il-fatt illi l-imputata raddet lura l-ammont sħiħ li hija ammettiet li misapproprjat mill-prinċipal tagħha, Valletta Gateway Terminals Limited, ċioe' s-somma ta' €10,488. Dan jirriżulta mhux biss mid-dikjarazzjoni li ġiet reġistrata fis-seduta tat-8 ta' Marzu 2023 konġuntivament mill-Prosekuzzjoni u mid-difiza, iżda wkoll mill-fatt illi effettivament, fuq talba tal-imputata, il-Qorti kienet awtorizzat[1] it-talba għall-varjazzjoni tal-Ordni ta' Iffriżar maħruġa fil-konfront tal-imputata fis-7 ta' Ottubru 2019 sabiex tħallas inter alia lill-istess Valletta Gateway Terminals Limited is-somma ta' €10,488.

Ikkunsidrat ukoll ir-rapport ippreżentat fil-11 ta' Jannar 2021 mill-Uffiċjal tal-Probation Sharlet Fabri, li ġiet maħtura biex issegwi lill-imputata taħt Ordni ta' Superviżjoni Provviżorja, fejn ġie rapportat :-

"*Ngħid illi matul dan il-perijodu, l-imputata żammet il-kuntatt mistenni minnha mal-Uffiċjal tal-Probation filwaqt li hija ma rrappurtatx każijiet oħra li nfetħu fil-konfront tagħha. ...*

*Denise Mallia hija l-unika wild tal-ġenituri taggħa u għaldaqstant spjegat li hija tirċievi s-sapport kollu tagħhom. Hija wkoll mara miżżewġa u omm ta' tifla ta' għaxar snin ... l-inkwiet prinċipali tagħha huwa dwar kif l-eżitu ta' dawn il-proċeduri ser jaffettwaw lil bintha. Filwaqt li inizjalment kienet esprimiet ix-xewqa li tirċievi sapport psikoloġiku minħabba s-sitwazzjoni li preżentament tinsab fiha, jidher li hija ma baqgħetx tħoss dan il-bżonn fid-dawl tal-attendenza tagħha ġewwa d-Dipartiment tal-Probation u Parole. ... Denise Mallia ssottomettiet ruħha għal żewġ kampjuni tal-urina li rriżultaw fin-negattiv għas-sustanzi illeċiti tal-kannabis, kokaina u amfetamini.*"

[1] B'digriet tad-9 ta' Ġunju 2022.

Imbagħad fir-rapport ippreżentat fis-26 ta' Settembru 2022, l-Uffiċjal tal-Probation irrapportat:-

"*Sa min-nota ta' andament intavolata preċedentement, l-imputata kompliet tonora l-kundizzjonijiet imposti fuqha minn din l-Onorabbli Qorti fejn fost oħrajn żammet ruħha f'kuntatt mal-Uffiċjal tal-Probation. Iżjed minn hekk, matul dan iż-żmien u ċioe fis-6 ta' Lulju 2022, Denise Mallia għaddiet l-ammont ta' €10,488 lil Valletta Gateway Terminals Limited u għaldaqstant raddet lura l-ammont meħud mingħand il-vittmi fl-intier tiegħu.*"

Minn dan kollu l-Qorti fehmet illi l-imputata, li ma jirriżultax li għandha vizzji evidenti, għarfet l-iżbalji tagħha u qed tagħmel sforz biex terġa' tqiegħed ħajjitha fuq binarji tajbin. Jidher ukoll li għandha l-interess tal-familja tagħha għal qalbha kif ukoll ir-rieda li tegħleb id-diffikoltajiet li seta' kellha u li wassluha tikkommetti dan ir-reat. Dan kollu magħdud għall-Qorti jfisser li piena karċerarja effettiva ma tkunx idonea f'dan il-każ.

Iżda fl-istess waqt il-Qorti ma tistax ma tieħux in konsiderazzjoni l-gravita' tar-reat kommess mill-imputata anke għaliex l-ammont misapproprjat minnha a detriment tal-prinċipal tagħha b'abbuż tal-fiduċja naxxenti mir-relazzjoni tal-impieg tagħha, huwa wieħed sostanzjali. Ukoll, il-fatt illi l-ammissjoni ġiet reġistrata fl-iktar stadju inoltrat tal-proċeduri wara li kienu nstemgħu l-provi kollha tal-Prosekuzzjoni, irrelataw l-esperti u l-kawża kienet imħollija biex jitressqu l-provi tad-difiża bil-konsegwenza illi l-Qorti semgħet provi fuq medda xejn inqas minn sentejn u nofs.

Bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 310(1)(a) tal-Kap. 9, il-piena għar-reat taħt l-Artikolu 294 ċioe' ir-reat aggravat ta' approprjazzjoni bla jedd, hija ta' priġunerija bejn sentejn u disa' snin. Dan ifisser li s-sanzjonijiet maħsuba taħt l-Att dwar il-Probation (Kap. 446) m'humiex applikabbli anke għaliex il-Qorti ma tirravviża ebda ċirkostanzi bħal dawk imsemmijin fl-ewwel proviso tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446, li jimmeritaw l-applikazzjoni ta' sanzjoni fil-komunita'.

Billi r-rikavat mir-reat ċioe' s-somma approprjata bla jedd mill-imputat diġa' ntradd kollu lura lill-parti offiża Valletta Gateway Terminals Limited, mhux il-każ li tiġi ordnata l-konfiska tal-istess rikavat għall-fini tal-Artikolu 23B(1) tal-Kap. 9.

**Għal dawn il-motivi wara li rat l-Artikoli 18, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qiegħda fuq ammissjoni ssib lil DENISE MALLIA ħatja tal-imputazzjoni miġjuba kontriha u tikkundannaha sentejn priġunerija iżda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tordna li din is-sentenza ma tidħolx fis-seħħ ħlief jekk fi żmien erba' (4) snin, il-ħatja tikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija.**

**Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-ħatja, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tagħha taħt l-Artikolu 28B jekk hija tikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija.**

**Għall-fini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundanna lill-ħatja, DENISE MALLIA tħallas lir-Reġistratur tal-Qorti is-somma ta' elf, tliet mija u tlieta u sittin Euro u sebgħin ċenteżmu (€1,363.70) rappreżentanti l-ispejjeż li tħallsu lill-espert Joseph Mallia, maħtur bħala perit fil-proċeduri[2] u dan fi żmien sitt (6) xhur mil-lum**.

**Għall-fini tal-Artikolu 28A(8) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lir-Reġistratur tal-Qorti.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**

[2] Paġna 735 – Dok. JM1, relazzjoni.